# Il-Ħames Erbgħa



Fil-ħames Erbgħa bi preparazzjoni għall-festa Parrokkjali tagħna ser inħarsu lejn il-ħames dulur u l-ħames ferħa ta' San Ġużepp. Illum nsibu lill-familja qaddisa fis-skiet tal-lejl miġbura f'darhom reqdin fis-sliem. Ġużeppi jara fil-ħolm tiegħu lill-arkanġlu Gabriel li jwissieh biex jistenbaħ u jaħrab b'martu u b'Ġesu' lejn l-Eġittu.  Ġużeppi jqum, ilesti kollox għall-vjaġġ u jaħarb bit-tarbija u b'Marija lejn l-art ta' l-Eġittu. Kif qallu l-anġlu, Ġużeppi kellu jibqa l-Eġittu sakemm l-anġlu jerġa jgħidlu li jista jmur lura. Nimmaġinaw ftit x'kuraġġ u x'fidi kbira kellu dan ir-raġel biex jitlaq dak kollu li kellu u jaħrab lejn l-Eġittu, art barranija. Ġużeppi jħossu ddispjaċut li ibnu, għalkemm naqra ta' tarbija kien diġa qed jiġi ppersegwitat. Iżda jekk naħsbu ftit, Ġużeppi żgur li ddispjaċieh ukoll meta sema bit-trabi kollha li kienu ġew maqtula minħabba Ġesu'. żmien wara l-qalb ta' Ġużeppi tifraħ meta l-anġlu jgħidlu li Erodi miet u allura jista jerġa lura bil-familja tiegħu. Ġużeppi żgur feraħ għax ser jerġa jsib dak kollu li kien telaq warajh. Min jaf kemm għaddewlu ħsibijiet minn moħħu iżda fit-triq jiġri inkonvenjent ieħor. Ġużeppi, jisma li iben Erodi laħaq floku u Ġużeppi jibżajkompli triqtu. Fil-ħolm tiegħu jerġ jara l-anġlu t'Alla li jgħidlu biex ibiddel ir-rotta. Dan juri kemm Ġużeppi kien raġel qaddis għaxgħalkemm kien bniedem fuq l-art, hu kien ħaġa waħda ma' Alla l-missier li kien għażlu biex iħares lil Ġesu'. Ġużeppi kellu post speċjali fil-qalb ta' Alla. M għandniex miktub li Ġużeppi talab iżda Ġużeppi fis-silenzju tiegħu kien isejjaħ lil Alla fil-kamra interjuri tiegħu, fil-fond ta' qalbu u jidher ċar li Alla kien jisimgħu, tant li reġa bgħatlu anġlu fil-ħolm.

**Bro. Deo Debono**